

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-00016/2013**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Danuta Maria Hübner**

f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Suġġett: Strateġija makro-reġjonali għall-Alpi

Ir-reġjuni tal-Ispazju Alpin ripetutament fessru r-rieda tagħhom li jkun hemm strateġija Alpina li tindirizza b'mod effikaċi l-isfidi komuni li jiffaċċjaw l-ark Alpin u li tisfrutta l-potenzjal tiegħu b'mod aktar konsistenti. Nhar id-29 ta' Ġunju 2012, il-Konferenza tar-Reġjuni Alpini, fil-paper tagħha ta' inizjattiva, kjarament esprimiet ix-xewqa tagħha għall-implementazzjoni ta' strateġija makro-reġjonali għall-Alpi. Din il-paper ġiet adottata bl-unanimità. Fil-pubblikazzjoni tagħha "Il-kooperazzjoni territorjali Ewropea: il-bini tal-pontijiet bejn in-nies' ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza taż-żewġ makro-reġjuni eżistenti f'termini ta' kwestjonijiet ambjentali, turiżmu, trasport u enerġija. Barra minn hekk, l-Artikolu 174 tat-TFUE jissottolinja l-ftieġa għall-promozzjoni ta' żvilupp armonjuż tal-varji reġjuni tal-Unjoni Ewropea u jiddikjara li għandha tingħata attenzjoni partikolari għaż-żoni rurali u r-reġjuni muntanjużi.

Għaldaqstant, makro-reġjun tal-Alpi mhux biss ittejjeb il-funzjonalità tal-istrutturi eżistenti, imma jkun j iżżgura l-implementazzjoni sostenibbli tal-leġiżlazzjoni Ewropea u tal-istrateġija tal-UE 2020.

1. Qed tikkunsidraha l-Kummissjoni l-possibilità li tiżviluppa strateġija makro-reġjonali għall-ispazju Alpin fit-terminu l-qasir?
2. Liema grad ta' importanza tagħti l-Kummissjoni lil strateġija makro-reġjonali għall-Alpi?
3. Liema hu l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-istrateġiji makro-reġjonali li ġejjin u li joħorġu f'partijiet oħrajn tal-Ewropa?

Imressqa: 21.2.2013

Mgħoddija: 25.2.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 4.3.2013